# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' April 2002

Citazzjoni numru 453/01 AJM

Kawza numru

Simon Copperstone

Vs

Nicholas Bonello

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-23 ta' Marzu 2001 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fid-19 ta' Settembru 2000 ghal xi 12.30 p.m. waqt li hu kien qed isuq kar Peugeot Nru SIM 379, proprjeta' tieghu go Triq it-Tama, Mosta, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-Van Isuzu numru IAT 149 misjuq mill-konvenut; illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attur garrab danni ammontanti ghal tlett elef erba' mija tnejn u ghoxrin lira (LM3422.00); illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti; li interpellat biex jaghmel tajjen ghad-danni subiti mill-attur baqa' inadempjenti; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur;
2. tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta' LM3422.00 okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundannah ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Novembru 2000 dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Frar 2001, u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri u bl-imghax legali mit-23 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-14 ta' Novembru 2001 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress illi l-eccipjent mhuwiex responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvneut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-22 ta' Mejju 2001 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2001 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u anke accediet fuq il-post tal-incident biex tiehu konjizzjoni ahjar tal-fatti tal-kaz.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fl-ewwel jigi rilevat li n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut giet presentata tardivament stante li ghalkemm il-konvenut gie notifikat bic-citazzjoni fis-16 ta' April 2001 din l-istess nota giet presentata fl-14 ta' Mejju 2001. Biss din il-Qorti mhux ser tordna l-isfilz tal-istess nota tal-eccezzjonijiet u tiddikjara lill-konvenut kontumaci ghax l-attur ma issoleva ebda eccezzjoni fir-rigward.

Illi fil-mertu jirrizulta li fid-19 ta' Settembru 2000 ghal habta tan-nofs sigha wara nofs inhar, sehh incident awtomobilistiku go Triq it-Tama, Mosta bejn il-vettura SIM 379 misjuqa mill-attur u il-Light Goods Vehicle tal-Marka Isuzu numru IAT 149 misjuqa mill-konvenut.

Triq it-Tama hija wahda mit-toroq laterali li jisbukkaw fuq Constitution Street, l-Mosta u tinsab fuq ix-xellug, int u tiela, hekk kif tiskorri l-pont tal-Mosta. It-triq hija wisgha u fid-dritt fit-tul, b'mod li t-traffiku jimxi b'mod regolari, ghalkemm din it-triq mhux traffikuza, u tippermetti vizwali tajba fit-tul. L-incident sehh fil-vicinanzi ta' stabbiliment li jinnegozja fil-"hydrolic systems" ghal cranes u ingenji kbar. Dan li stabiliment jinsab fuq l-istess naha fejn grat il-habta u ghandu certa rilevanza billi fil-mument tal-incident il-konvenut kien waqaf qrib dan li stabiliment, izda aktar il-quddiem minnu (relattivament ghal kif kien gej l-attur) u jirrizulta li mal gemb tieghu u cioe fit-triq kien hemm truck kbir ipparkjat li fuqu kienu qed isiru xi xogholijiet.

Skond l-okkorrenza li giet imhejja mis-Surgent Joseph Borg jirrizulta li l-hsarat fil-vetturi kienu fuq dik tal-attur estensiva u grat fuq il-faccata tal-vettura, inkluz il-bonnet, mudguards, windscreen, bumper, fanali u hsarat ohra konnessi; filwaqt li fil-vettura misjuqa mill-konvenut l-hsara, li giet descritta bhala "slight" kienet fuq il-"front left corner and rear". Naturalment r-raguni tad-differenza fil-hsarat fil-vetturi hija minhabba it-tipi ta' vetturi involuti billi dik ta' l-attur kienet "light car" mentri dik tal-konvneut kienet "pickup" b'materjal aktar robust.

Fl-okkorrenza insibu deskrizzjoni tal-incident moghtija mill-partijiet. L-attur stqarr hekk mal-ufficjal tal-Pulzija "*Jien kont sejjer lejn Triq il-Kostituzzjoni. F'daqqa wahda Van numru IAT 149 li kien wieqaf fil-genb tat-triq irriversja u jien hbat fih."* Il-konvneut jghid hekk*: "Jien kont wieqaf qed nistenna l-mekkanik jiftah u f'daqqa wahda hassejt daqqa kbira fuq wara u spiccajt gol hajt tal-garage."* Li skizz tal-incident li gie ezebit mill-attur juri l-vettura tal-attur kwazi dritta fil-karreggata, maqluha l-barra mil-bankina b'2.10m minn fuq quddiem u 2.90m fuq wara. Il-vettura tal-konvenut tidher angolata "*xewka"* mal-bini fuq ix-xellug, in parti fuq id-drive-in ta' garage, in parti fuq il-bankina u in parti, cioe dik ta' wara, fit-triq. Meta xhed l-ufficjal li investiga l-kaz ma gie xejn ta' importanza ghal dak li hemm fl-okkorrenza.

L-attur xhed li huwa kien jsuq fl-imsemmija triq, hiereg fid-direzzjoni ta' Constitution Street bi speed ta' cirka 35 k.f.s. u jzomm cirka tlett metri mil-bankina. Ma kienx hemm traffiku iehor izda kien hemm trucks ipparkjati fuq ix-xellug tieghu w f'daqqa wahda hareg il-van tal-konvenut angolat bir-reverse u laqtu fuq quddiem fil-genb in-naha tax-xellug. Mal impatt il-vettura tal-konvenut imxiet il-quddiem u habtet fil-hajt. Il-van ma kienx jidher qabel ma hareg u ghalhekk lanqas tah cans japplika

l-brakes. Bl-impatt l-kar tieghu saret 'total loss'. Il-hsara fil-van, skond l-attur kienet fin-nofs fuq wara.

Il-konvenut xhed li huwa dahal fi Triq it-Tama minn naha tar-Rabat. Ipparkja ftit angolat qrib li stabiliment imsemmi quddiem truck u karozza, bil-parti ta' wara ftit sporguta fit-triq. Nizel mill-vettura izda meta dahal fil-hanut l-impjegati qalulu li ser jmorru ghal "break". Ghalhekk rega dahal fil-van u qaghad jisma l-radio. Kien ilu hemm xi ghaxar minuti meta f'daqqa wahda qala daqqa u sab ruhu wiccu mal-hajt. Bl-impatt il-van mexa cirka sbatax-il pid il-quddiem fl-istess direzzjoni kif kien ipparkjat.

Il-konvenut ipproduca bhala xhud lil Anglu Grech. Dan xhed li fil-hin tal-incident huwa kien ipparkjat faccata l-hanut in kwistjoni wara li dahal minn Constitution Street. Ra il-van tal-konvenut ipparkjat u kif kien wieqaf ra l-kar tal-attur gejja bi speed ta' cirka 35, qabzet it-truck ipparkjat, gibdet il-gewwa u habtet fil-van tal-konvenut.

Inzamm acces fuq il-post fejn gie stabbilit li t-triq hija wisgha b'vizwali tajba.

Ikkunsidrat:-

F'dan il-kaz hemm zewg verzjonijiet tal-incident li jikkuntrasraw sewwa ma xulxin ghal dik li tista' tkun ir-raguni tal-impatt. L-attur jghid li huwa kien mixi ghal affari tieghu w li l-incident sehh ghax il-konvenut irriversja ghal got triq u b'hekk gie quddiemu f'salt b'mod li ma setghax jevita l-impatt. Il-konvenut, korroborat mix-xhud Grech jghid li huwa kien ipparkjat xewka mal-bankina, ghalkemm xi ftit sporgut il-barra

mil-vetturi l-ohra li kien hemm weqfin hdejh u dana minhabba t-tul tal-vettura tieghu. Hu jsostni li qabel u waqt l-impatt il-magna tal-vettura tieghu kienet mtfijja u l-vettura tieghu qatt ma imxiet lura. Ix-xhud Grech ikkonferma dan billi jghid li l-konvenut wieqaf kien u hekk baqa' sal mument tal-impatt.

Fil-verita' din il-Qorti ssibha kemm xejn difficli li timmagina kif vettura mixja fi triq, bi speed relattivament baxx, u b'vizwali tajba fit-tul, tahbat f'ostakolu wieqaf li suppost kien jidher minn certa distanza. Dan meta din l-istess vettura, cioe tal-attur, kienet tinsaq certa distanza l-barra mil-bankina minhabba t-truck li kien hemm ipparkjat mal-genb tal-istabiliment HYD. Waqt l-access kien jidher li, bil-mod kif kienet ipparkjatal-vettura tal-konvenut, li poggiha fuq il-post, u bil-mod kif kellha timxi l-vettura ta' l-attur - minhabba t-truck ipparkjat - kien ftit li xejn impossibbli li jsehh l-incident bejn iz-zewg vetturi. B'dana kollu il-Qorti ghandha taghmel apprezzament tal-provi li jingiebu quddiemha u tiddecidi a bazi tal-istess. Issa din il-Qorti ma tara ebda raguni ilghala ma temminx lix-xhud estraneu Grech li jikkonferma b'mod l-aktar kategoriku li l-konvenut kien u baqa wieqaf sal mument tal-impatt. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taccetta l-ispjegazzjoni ta' l-attur u cioe li l-incident sehh ghax il-konvenut irriversja billi jirrizulta mod iehor.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti hi tal-fehma li dan l-incident ma sehhx minhabba xi nuqqas da parti tal-konvenut, kif qed jigi allegat u ghalhekk tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra tieghu.

Onor Imhallef Albert J. Magri